MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2013

Avviz Numru. 419/2011

**Euro Concrete Blocks Limited (C 16202)**

**vs**

**A. Montebello Tyres Limited (C 8086) u Charles Mangion**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru 2011 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti solidament bejniethom jew min minnhom ihallsuha s-somma ta' sebat elef, sitt mija u sitta u sittin Ewro u hamsa u sebghin centesmu (€7,666.75) bhala bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-prezz ta' materjal tal-kostruzzjoni ossia bricks li gie mibjugh u kkonsenjat lilhom

mill-istess socjeta' attrici u dan fuq inkarigu taghhom u ghal beneficcju taghhom.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali 2217/2011 tal-ghaxra (10) ta' Gunju, 2011 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 3439/2011 tad-disgha w ghoxrin (29) ta' Novembru, 2011, u bl-imghax dekorribli mid-data tal-bejgh u l-konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni skond il-Ligi.

Rat ir-risposta tas-socjeta' A. Montebello Tyres Limited ipprezentata fil-hdax (11) ta' Jannar, 2012, fejn eccepiet:-

*1. "Illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16;*
*2. Illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2149(a) tal-Kapitolu 16;*
*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpanija A. Montebello Tyres Limited ma xtrat ebda 'bricks' minghand Euro Concrete Blocks Limited u wisq anqas gie konsenjat lilha 'bricks' mill-kumpanija Euro Concrete Blocks Limited u konsegwentement ma huwa dovut ebda ammont lill-kumpanija attrici mill-kumpanija A. Montebello Tyres Limited;*
*4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpanija A. Montebello Tyres Limited hija kreditrici tal-kumpaniji li jiffurmaw parti mill-grupp Rainbowmix, inkluz il-kumpanija Euro Concrete Blocks Limited, u dana ghal somma li teccedi bil-bosta l-pretensjoni vantata fl-avviz promotur u konsegwentement li kieku kellu jirrizulta li l-kumpanija A. Montebello Tyres Limited xtrat u hadet in konsenja 'bricks' minghand Euro Concrete Blocks Limited, fatt kontestat mill-kumpanija esponenti, ghandha issehh tpacija bejn l-ammont pretiz mill-kumpanija Euro Concrete Blocks Limited u parti mill-kreditu dovut lil A. Montebello Tyres Limited;*
*5. Illi ma huwiex minnu li l-kumpaniija A. Montebello Tyres Limited giet interpellata sabiex tersaq ghall-hlas tal-ammont pretiz, salv ghall-ittra ufficjali tal-ghaxra (10) ta' Gunju, 2011, tant illi sad-data tal-lum, anqas invoice qatt ma rceviet minghand Euro Concrete Blocks Limited ghall-*

*allegat 'bricks' li allegatament gie mixtri u ttiehed in konsenja mill-kumpanija A. Montebello Tyres Limited.*
*6. B'riserva u salv ghal eccezzjonijiet ohra validi fil-Ligi."*

**Mark Aquilina** xehed fit-30 ta' Jannar 2013 fejn ikkonferma li bhala suppliers huma kienu kkonsenjaw il-bricks lis-socjeta' Montebello u dan fl-ammont ta' cirka tmint elef ewro (€8,000). Huwa spjega li l-bricks qassmuhom lil Charles Mangion fuq ordni ta' Montebello Tyres. Dawn is-*supplies* gew konsenjati bejn Awissu 2008 u Settembru 2009.

Ix-xhud esebixxa kopja tal-istatements, li gew immarkati mill-Qorti bhala dokument Z. Huwa fil-fatt kien cempel lil Charles Montebello u qallu fuq dan il-kont li kien hemm pendenti. Apparti din il-kawza odjerna kontra Montebello Tyres kienu ghamlu mandat ta' sekwestru, u qabel ma nfethet din il-kawza b'mandat kienu baghtu ittra ufficjali. Ix-xhud esebixxa kopja ta' din l-ittra li giet immarkata bhala dokument X.

Huwa kkonferma li kellhom diversi negozjati ghadejjin ma' Montebello Tyres u fost l-ohrajn kien talbu biex jghaddi somma flus lil Charles Mangion. Dak iz-zmien Charles Mangion kellu jiehu minghand Montebello Tyres. Ix-xhud spjega li Montebello Tyres kien talbu sabiex jaghti l-bricks u l-konkos lil Charles Mangion b'valur ta' disghat elef u tliet mitt ewro (€9,300) u ghal dan Montebello Tyres kien qallu li huwa kien ser jassumi xi debitu li x-xhud kellu ma' haddiehor. Pero' Montebello Tyres qatt ma tawh credit note. Dan kien qal lix-xhud li fil-fatt kien ser johodha minghand Carmelo Penza. Ix-xhud wiegbu li huwa ma kellux debitu ma' Carmelo Penza u wara xi zmien tfaccat *credit note* tieghu mhux iffirmata minn ghand ix-xhud ta' disghat elef u tliet mitt ewro (€9,300). Ix-xhud qallu li din il-credit ma kinitx taghhom u l-firma mhux taghhom.

Ix-xhud esebixxa kopja ta' din il-credit note li l-Qorti immarkat bhala dokument Y. Huwa kkonferma li fuq din il-credit note m'hemmx il-firma tieghu, lanqas tal-ufficju tieghu jew ta' xi hadd awtorizzat minnu. Meta x-xhud qallu

hekk, Charles Montebello wiegbu biex jipprocedi kif ried hu u kien ghalhekk li waslu fejn qeghdin illum. Huwa ha s-supply ghand Charles Mangion pero’ Charles Montebello qal lix-xhud biex l-invoices jibghathom lil Mangion. Fil-fatt kif jirrizulta mill-istatement esebit u mmarkat bhala dokument Z, l-istatement gew mibghuta lilhom.

**Chris Montebello** xehed fil-25 ta’ Frar 2013 fejn iddikjara li huwa direttur tas-socjeta’ A. Montebello Tyres Limited. Mistoqsi jekk jafx lil Mark Aquilina qal li ma jafux. Lil Mark Aquilina huwa ma jafux u qatt ma kellmu. Jiftakar li xi zmien ilu kien mar ghandu Charles Mangion u qallu li kellu Porsche Cayenne ghal bejgh. Ix-xhud kien interessat li jixtriha u ftiehem prezz mieghu billi tah karozza bhala parti mill-prezz, zewg vouchers u l-kumplament tal-bilanc kien se jhallsu fi flus kontanti. Wiehed mill-vouchers kien ghas-somma ta’ Lm4,000 bricks minghand Carmelo Penza u l-voucher l-iehor kien xi bricks jew concrete fis-somma ta’ Lm5,000 minghand Attard Brothers.

Fil-fatt Charles Mangion kien mar jivverifika dawn iz-zewg vouchers. Dawn setghu jissarfu u ghalhekk sar in-negozju. Ix-xhud tenna li l-hamest elef lira Maltin (Lm5,000) ta’ Attard Brothers ma kellhomx x’jaqsmu ma’ din il-kwistjoni. Is-somma ta’ erbat elef liri Maltin (Lm4,000) li kienu dovuti lil Carmelo Penza fil-fatt kienu dovuti mis-socjeta’ Rainbow Mix. Huwa spjega li dwar dawk l-Lm4,000 dik kienet kwestjoni bejn Penza u Rainbow Mix fis-sens li Rainbow Mix kellha thallas lil Penza. Ghalhekk Penza ta lix-xhud il-voucher ta’ Lm4,000 li kellu jiehu minghand Rainbow Mix, u huwa ghadda dan il-voucher lil Charles Mangion. Charles Mangion iccekja ma’ Rainbow Mix jekk verament Penza kellux jiehu Lm4,000 minn ghandu u dan ikkonfermalu, u kien ghalhekk li huwa accetta li jaghmel dan in-negozju max-xhud. Ix-xhud ma ghamilx verifiki dwar din il-*credit note* ma’ Rainbow Mix. Huwa sostna li dwar tpartit ma’ Charles Mangion kellu biss din il-kwestjoni.

Ix-xhud qatt ma ghamel negozju ma’ Mark Aquilina jew mal-kumpaniji tieghu. Huwa jaf li Mark Aquilina kellu xi kumpanija li xtara xi tyres minn ghandha pero’ ma

ghandhiex x'taqsam ma' din il-kwestjoni. Ix-xhud iddikjara li ma kellu l-ebda negozju iehor. Huwa jaf li l-kumpanija ta' Mark Aquilina kienet xtrat xi tyres minghand is-socjeta' A. Montebello Tyres Limited.

Ix-xhud tenna illi ma jafx x'ghamel Charles Mangion bil-*credit note* li tah. Huwa l-*credit note* ghaddieha biss lil Charles Mangion. Huwa jaf ukoll li wara li kien ghaddielu din il-voucher, xi sena wara kien cempillu Mark Aquilina u qallu li l-firma fuq il-voucher ma kinitx tieghu. Ix-xhud sostna li huwa ghadda l-*credit note* lil Charles Mangion biex inaqqas mid-debitu li kellu fil-konfront ta' Charles Mangion. Huwa qatt ma rcieva xi statements jew kontijiet minghand is-socjeta' ta' Mark Aquilina. Huwa jaf li Mark Aquilina kien icempillu sabiex ix-xhud jghinu fuq din il-kwestjoni u fil-fatt ix-xhud kien jghidlu li meta kien johrog ix-xoghol kien johrog l-istatements. Aquilina kien talbu biex ikellimlu lil ta' Penza. Ix-xhud ra l-credit note ghax ghaddieha hu lil Charles Mangion.

Ix-xhud gie muri dokument Y esebit a fol 45 tal-atti u qal li din hija l-*credit note* in kwestjoni. Il-kumpanija tieghu A. Montebello Tyres tipprovdi bejgh u xiri ta' tyres. Huwa jaf li Mark Aquilina qallu li kien ghad baqghalu jiehu xi mitt ewro minghand Penza. Hadd qatt ma konsenja lix-xhud xi kont, lanqas is-socjeta' Rainbow Mix Concrete Ltd. Ix-xhud accetta li l-*credit note* in kwestjoni ta' Attard Supplies u bhal dik esebit fl-atti Dok Y, ghax ghalih dan kien parti mill-prezz. Huwa thallas ghal bejgh ta' tyres permezz ta' dawn il-vouchers li acceta bhala parti min-negozju tieghu.

Il-Qorti rat li l-konvenut Charles Mangion gie debitament notifikat bl-atti ta' dan ir-rikors u kemm b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar is-26 ta' Gunju 2012 (fol. 25), permezz ta' avviz li deher fil-gazzetta lokali intitolata in-Nazzjon datata 25 ta' Ottubru 2012 (fol. 32) kif ukoll permezz ta' notifika li saret fir-residenza tieghu kif murija fir-rikors promotur, fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Lija u fil-Kunsill Lokali ta' Hal Lija nhar il-5 ta' Gunju 2012 skond ir-riferta tal-Marixxall John Micallef (fol. 21 tergo) izda baqa' kontumaci u ma pprezenta l-ebda risposta sabiex jikkontesta o meno t-talbiet tar-rikorrenti.

Semghet il-partijiet jittrattaw dan ir-rikors fis-seduta tat-18 ta’ Marzu 2013 limitatament dwar l-ewwel eccezzjonijiet u rat li s-socjeta’ attrici u s-socjeta’ konvenuta A. Montebello Tyres Ltd awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha fuq dawn l-istess zewg eccezzjonijiet.

L-avukat difensur tas-socjeta’ attrici jghid li effettivament li fl-ewwel lok  l-avukat difensur tas-socjeta’ konvenuta ma setghax jecepixxi l-preskrizzjoni stante li qed jecepixxi t-tpacija u fit-tieni lok semmai japplika perijodu preskrittiv iehor cioe’ dak tal-hames snin ghaliex hawn si tratta ta’ azzjoni kummerjcali. Dwar dan pero’ l-avukat difensur tas-socjeta’ konvenuta ma jaqbilx u jghid li huwa qatt ma eccepixxa t-tpacija u fit-tieni lok jemmen li l-azzjoni hija preskritta bl-artikolu 2148 (s) jew 2149(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-Qorti tirrileva li l-partijiet  awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha prelimianrja fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet u ghalhekk dan hu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti.

Rat in-nota tal-avukat difensur tas-socjeta’ attrici pprezentata seduta stante nhar it-18 ta’ Marzu 2013 li flimkien maghha gew esebiti tlett sentenzi tal-Qorti li huma res judicata.

**Ikkunsidrat.**

In succinct jirrizulta mill-provi kif del resto stqarr ix-xhud Charles Montebello li huwa kien interessat jixtri l-vettura Porsche Cayanne minghand Charles Mangion u wara li kienu ftehmu dwar il-prezz taghha, is-socjeta’ konvenuta kienet ftehmet li ser thallas l-ammont dovut lil Charles Mangion billi taghtih karozza bhala parti mill-prezz flimkien ma’ zewg vouchers wahda ghas-somma ta’ Lm4,000 li huwa kellu fil-pussess tieghu u li kien gie moghti lilu minghand is-socjeta’ Penza Ltd u l-iehor fl-ammont ta’ Lm5,000 li kien gie mghoti lilu minghand is-socjeta’ Attard Brothers dwar konsenja ta’ materjal ghall-kostruzzjoni. Spjega wkoll li effettivament il-voucher ta’ Penza Ltd kien

wiehed fejn is-socjeta’ Rainbow Mix obbligat ruhha, kif jirrizulta mid-dokument Y esebit fl-atti, li tikkonsenja materjal ta’ bini konsistenti f’konkos u bricks lis-socjeta’ konvenuta. Montebello jghid li wara sena li huwa kien ghadda il-credit note li kellu tas-socjeta’ Rainbow Mix lill-intimat Carmelo Mangion, Mark Aquilina ghan-nom tas-socjeta’ attrici kien cempillu u qallu li l-firma fuq il-credit note ma kinitx tieghu.

Skond ix-xhieda ta’ Mark Aquilina, is-socjeta’ attrici kienet ghamlet konsenja ta’ bricks u konkos bil-valur ta’ disat elef u tliet mitt Ewro (€9,300) lill-intimat Charles Mangion fuq talba tas-socjeta’ konvenuta A. Montebello Tyres Limited u dan fil-perijodu ta’ bejn Awwissu 2008 u Settembru 2009. Jghid li Carmelo Mangion offra li jhallsu permezz tal-credit note li kien ircieva mis-socjeta’ konvenuta pero’ Mark Aquilina jghid li ma accettax dan il-hlas ghaliex il-credite note ma kellhiex valur stante li l-firma fuqha ma kinitx tieghu. Mark Aquilina cahad li kien ta xi credit lis-socjeta’ Penza Ltd pero’ passi kriminali dwar din l-allegazzjoni ta’ firma falza ma jidhirx li ha stante li ma semma xejn f’dan ir-rigward.

Is-socjeta’ attrici tallega li hija ghadha ma thalsitx ghal din il-konsenja u hi ghalhekk qed tfittex lis-socjeta’ konvenuta u lill-istess Carmelo Mangion ghal din l-istess somma. Fil-fatt Mark Aquilina jghid li kien sahansitra anke ipprezenta ittra ufficcjali kontra s-socjeta’ konvenuta fejn talab dan il-hlas ghalkemm f’ammont inferjuri kif jirrizulta mid-dokument esebit bhala kopja ta’ ittra ufficcjali datata 10 ta’ Gunju 2011 a fol. 43. F’din l-ittra ufficcjali hemm imnizzel li effettivament il-konsenja tal-materjal giet konsenjata lis-socjeta’ konvenuta ghalkemm fix-xhieda tieghu viva voce f’din il-kawza Mark Aquilina jghid li l-konsenja saret ghand Carmelo Mangion.

F’dan ir-rikors promotur is-socjeta’ attrici qed titlob minghand l-intimati is-somma ta’ sebat elef, sitt mija u sitta u sittin Ewro u hamsa u sebghin centesmu (€7,666.75) bhala bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-prezz ta’ materjal tal-kostruzzjoni ossia

bricks li gie mibjugh u konsenjat lilhom minha fuq inkarigu u ghal beneficcju taghhom.

**Kunsiderazjonijiet legali.**

Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent. Il-preskrizzjoni wkoll, dik tax-xorta li titfi l-process, hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b'mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni;

Ghalhekk hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici ghandha tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka, izda l-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Il-parti mharrka trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan miz-zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq. (Ara '**Guido Vella vs Emanuel Cefai'**, Appell Civili tal-5 ta' Ottubru 2001, u '**Victor Portelli vs Mark Psaila'**, deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2003). Ara wkoll f'dan ir-rigward il-kawza deciza fl-4 ta' Dicembru 1987 mill-Onor. Qorti tal-Kummerc, Onor. Imhallef Dr. J. D. Camilleri fl-ismjiet '**Edgar Causon noe vs Abdelsalam Sheibani'**, u '**Camilleri vs Frendo'** (Kollezz. Vol XII pg.144) u '**Joseph Borg vs Nobbli Maria Testaferrata Bonici**' deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Marzu 1958.

Illi sabiex tigi determinata liema hija l-preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni partikolari wiehed irid jezamina d-dispozizzjonijiet partikolari tal-kuntratt li minnu titwieled l-azzjoni, u fl-ewwel lok jistabbilixxi s-sustanza tar-relazzjoni guridika ezistenti bejn il-partijiet.

Fil-kaz in ezami is-socjeta' konvenuta ccitat zewg artikoli tal-ligi dwar il-preskrizzjoni u cioe **l-Artikolu 2148(a) u 2149(b) tal-Kap 16** li ghalkemm ghandhom perijodu

preskrittiv differenti, anke l-applikabilita' taghhom hija differenti.

Id-dispozizzjoni taht l-**Artikolu 2149(a)** ma tikkontemplax il-kaz ta' fornituri ta' materjal in genere, izda tal-fornituri li jsiru minn ….. appaltaturi ta' xogholijiet, li flimkien mal-opra taghhom ikunu in konnessjoni mal-istess opera fornew ukoll il-materjali mehtiega [(Ara '**<u>A.M.C. Marketing Ltd. vs Pletz Holdings Ltd</u>**.' deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fit-22 ta' Frar 2002). Hekk gie ribadit ukoll fis-sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet '**<u>Paul Formosa vs Salvu Debono'</u>** deciza fil-5 ta' Ottubru 2001].

Fil-kaz in dizamina is-socjeta' attrici qed tagixxi gudizzjarjament biex tkun ikkanonizzata kreditrici tal-konvenuti fis-somma tat-talba msemmija fir-rikors allegatament dovuta bhala prezz ta' konsenja ta' konkos u bricks f'liema prezz ma jidhirx li hemm inkluz ukoll xi xoghol ta' appalt.

B'referenza ghall-**Artikolu 2148 (a) tal-Kapitolu 16,** il-Qorti tal-Kummerc f'sentenza moghtija fl-14 ta' Ottubru 1954, fil-kawza fl-ismijiet: '**<u>Joseph Mizzi noe vs Joseph Delicata pro et noe'</u>** [Kollez. Vol.XXXVIII.iii.710] sostniet is-segwenti:

'*…. ….. ….. skond l-art. 2253(a) (illum **art. 2148(a)) tal-Kodici Civili**, jaqghu bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax -il xahar "l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu"; …. ….. …. Id-dispozizzjoni tal-ligi kontenuta fl-ittra (a) ta' l-imsemmi artikolu tal-Kodici Civili tirreferixxi ruhha ghal lokazzjoni ta' opera, li biha l-persuni fuq enumerati jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, <u>imma</u> l-prodott tax-xoghol – meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lill-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali.*' ;

**L-Artikolu 2148(a)** jirreferi ghalhekk ghall-krediti tal-artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew (Kollez. Vol XLI.i.347) filwaqt li l-preskrizzjoni kontemplata fl-**Artikolu 2149(a)** tirreferi ghall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol – 'opus' 'minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet.' - Kollez. Vol XLII.iii.1151; '**Joseph Grech –vs-Emanuela Camilleri et**', Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977; '**Gio Maria Camilleri –vs-John Licari et**', Appell Kummercjali, 16 ta' Ottubru 1972; '**Francis Bugeja nomine –vs-Indri Mercieca'**, Appell, 29 ta' Mejju 2000. Dawn is-sentenzi kollha ghamlu d-distinzjoni bejn id-dispost tal-ligi hawn ezaminat (Art 2148 (a)) u l-art. 2149(a) li mieghu ghandu certu affinita' ;

Jemergi car mill-provi li l-azzjoni attrici mhix naxxenti fuq kuntratt ta' appalt li jinkwadra ruhu - ghal dik li hija preskrizzjoni - taht l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili izda taht l-artikolu 2148(a). Ghalkemm hemm certu affinita' bejn dawn iz-zewg artikoli tal-ligi, huma pero' distinti minn xulxin. L-artikolu 2149(a) jipprovdi li l-azzjonijiet tal-kuntratturi ta' bini jew ta' xogholijiet ohra ta' njam, jew materjal iehor ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu (sottolinear ta' din il-Qorti) jaqghu bi preskrizzjoni ta' l-gheluq ta' sentejn.

Jiddependi hafna mill-agir u l-intenzjoni tal-partijiet u jekk l-intenzjoni kienetx wahda di dare, il-kuntratt ghandu jitqies bhala bejgh kif inhu dan il-kaz, waqt li jekk l-intenzjoni kienet di fare japplikaw il-principji ta' l-appalt [Qorti Kummercjali, **George Camilleri vs Joseph Mamo noe**, 28/08/1951, Kollez. Vol. XXV.iii639), u **George Vassallo vs Lawrence Fenech et noe**, 26/04/1988, u Appell Inferjuri Civili, **Frederick Micallef noe et vs May Sullivan**, 22/11/2002]. Hu sufficjenti li wiehed ihares lejn in-natura tax-xogholijiet li gew esegwiti mill-attur li f'dan il-kaz ipprovda il-materjal *sic st simplicite.*

Issa f'dan il-kaz jidher mill-istatement esebit fl-atti a fol 46 immarkat bhala Dok Z li kien hemm tlieta u tletin konsenja tal-materjal bejn il-perjodu tas- ta' Awwissu 2008 u il-11 ta' Settembru 2009. Illi s-socjeta' attrici pprezentat ittra ufficcjali fejn talbet il-hlas ta' dawn il-konsenji nhar l-10 ta' Gunju 2011. Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta trid tipprova li bejn l-ahhar konsenja u cioe' il-11 ta Settembru 2009 u l-jum meta giet prezentata l-ittra ufficcjali ghaddew tmintax-il xahar. Illi jidher ghalhekk li is-socjeta' attrici messha agixxiet qabel it-12 ta' Marzu 2011 u cioe' il-perjodu ta' tmintax-il xahar wara li saret l-ahhar konsenja. F'dan il-kaz ma jidhirx li ghamlet hekk .

**Illi ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tirrispingi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai fini tal-Artikolu 2149(a) tal-Kapitolu 16 sollevata mis-socjeta' konvenuta, qieghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni taghha fejn sostniet li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikou 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza a karigu tas-socjeta' attrici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------